

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Cryo Save AG hija kundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 236, 20.7.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Marzu 2017 – Windrush Aka vs EUIPO – Dammers (The Specials)

(Kawża T-336/15) ⁽¹⁾

["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' revoka — Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali The Specials — Użu ġenwin — Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Kunsens tal-proprjetarju tat-trade mark — Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 207/2009"]

(2017/C 144/48)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Windrush Aka LLP (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: S. Malynicz, QC, u S. Britton, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Jerry Dammers (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: C. Fehler, solicitor, H. Cuddigan u B. Brandreth, barristers)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta' Marzu 2015 (Każ R 1412/2014-1), dwar proċedimenti ta' revoka bejn Windrush Aka u J. Dammers

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Windrush Aka LLP hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 294, 7.9.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 16 ta' Marzu 2017 – Capella vs EUIPO – Abus (APUS)

(Kawża T-473/15) ⁽¹⁾

["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea APUS — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti ABUS — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Probabbiltà ta' konfużjoni — Limitazzjonijiet suċċessivi tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni quddiem il-Bord tal-Appell — Artikolu 43 (1) tar-Regolament Nru 207/2009 — Kompetenza tal-Bord tal-Appell — Artikolu 64(1) tar-Regolament Nru 207/2009 — Dritt għal smiġh — It-tieni sentenza tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 — Regola 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 2868/96"]

(2017/C 144/49)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Capella EOOD (Sofia, il-Bulgarija) (rappreżentant: F. Henkel, avukat)